Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali
Local Councils' Association Malta

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

**Minuti – Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu. 11**

**Data:** il-Ħamis, 24 ta' Novembru 2022
**Ħin:** 17:30
**Post:** Binja Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali, Binja tal-Gvern l-Lokali, il-Marsa

**Preżenti:**
Is-Sur Mario Fava – President
Is-Sur Jesmond Aquilina – Membru
Is-Sur Anthony Chircop – Membru
Is-Sur Clifford Galea Vella Maslennikov – Membru
Is-Sur Sandro Azzopardi – Membru
Is-Sur Charles Bonello – Membru
Is-Sur Stephen Sultana – Membru
Is-Sur Max Zammit – Membru

**Attendew Online**
Chev Paul Farrugia – Viċi President
Dr. Samuel Azzopard – Viċi President

**Skużat:**
Is-Sur Steven Axisa – Membru

**Uffiċjal Preżenti:**
Sa. Lianne Cassar – Segretarju Eżekuttiv

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt

www.lca.org.mt

**11.1 Ittri ta' apoloġiji**

11.1.1 Il-President ressaq it-talba tas-Sur Steven Axisa sabiex ikun skużat minħabba impennji oħra tal-Kunsill Lokali Paola. Fuq proposta tal-President, issekondata mis-Sur Anthony Chircop, l-Eżekuttiv approva li is-Sur Axisa jitniżel bħala skużat.

**11.2 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nu. 11**

11.2.1 Il-President preżenta l-minuti hekk kif kienu mibgħutha lill-Eżekuttiv mis-Segretarju Eżekuttiv.

11.1.2 Fuq proposta ta-President issekondata mis-Sur Anthony Chircop, l-Eżekuttiv approva l-minuti hekk kif ġew preżentati.

**11.2 Approvazzjoni Skeda tal-Pagamenti Nu. 11**

11.3.1 Fuq proposta tal-President li ġiet issekondata mis-Sur Sandro Azzopardi u s-Sur Stephen Sultana, ġiet approvata l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn d-19 t' Ottubru 2022 u 23 ta' Novembru 2022 li kienet tammonta għall-€215,783.89.

**11.3 Punti maħruġa mill-Minuti Laqgħa Nu 10**

| | |
|---|---|
| **11.3.1 Covenant of Mayors** | Il-President semma li aktar tard filgħaxija kienu ser jaslu rappreżentanti ta' CEMR sabiex jipparteċipaw waqt il-Laqgħa Plenarja ġewwa Għawdex kif ukoll jorganizzaw workshop għall-Uffiċjali Maniġerjali. |
| **11.3.2 Rotta tal-Fenċi** | Il-President preżenta rapport li preparat l-Uffiċjali Maniġerjali tal-Kultura fi ħdan ir-Reġjun Punent. Rapport anness mal-Minuti u mmarkat bħala Dok A. |
| **11.3.3 Infrastruttura Malta** | Il-President li l-Business Breakfast organizzat minn Infrastructure Malta kien sar u jidher li l-mod kif din l-entita' qed tidjaloga aktar mal-Kunsilli Lokali jidher li ser ikun hemm titjieb fir-relazzjoni ta' bejn iż-żewġ partijiet. Semma li ser ikun hemm ukoll proġetti ta' żoni pedonali fejn IM ser tieħu ħsieb il-pavimentar sal-konkos. |
| **11.3.4 Laqgħat mal-Awtorita' tal-Artijiet** | Il-President semma li l-laqgħa saret u ġew diskussi dawn il- |

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta
T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

punti:

- Il-bżonn li jkun hemm reviżjoni fir-rati ta' kirja li jħalsu l-Kunsilli Lokali peress li dawn qed jitqiesu b' rata kummerċjali.
- Proċeduri biex jitnaqqas id-dewmien sabiex wieħed jingħata No objection mill-Awtorita', peress li dan ħafna drabi qed iwassal għal telf ta' fondi minn proġetti Ewropej jew skemi.
- Stanzi fejn l-Awtorita' ma tħallix lill-Kunsill Lokali jiżviluppa art għall-ġid u l-benfiċju tar-residenti meta ma jkunx hemm devoluzzjoni lill-Kunsill Lokali.

**11.3.5 Survey mill-AKL**

Il-President semma li ladarba kien hemm qbil fuqu fil-laqgħa preċidenti, l-AKL ser tkun qed taħdem fuq dan il-proġett fis-sena l-ġdida.

**11.3.6 Social Impact Assessment**

Il-President semma li min-naħa tal-AKL fadal l-aħħar ftit xogħol li jrid isir u li ser ikun qed jagħddi d-dokument lir-Reġjuni li wrew interess.

**11.3.7 Laqgħa mal-ERA flimkien mar-Reġjuni**

Il-President semma li kienet inżammet laqgħa mal-ERA, Direttur Ġenerali għall-Gvern Lokali, Wasteserv kif ukoll preżenti kien hemm Presidenti u Segretarji Eżekuttivi tar-Reġjuni fejn kienu diskussi wħud mill-isfidi ta' ġbir ta' skart fuq bażi reġjonali. Il-President semma li waħda mill-isfidi għar-Reġjuni ċertament li ħarġet mil-laqgħa kienet li minkejja li hemm tenders li ijlhom aġġudikati, għadd ma kienx hemm direzzjoni mid-Dipartiment tal-Kuntratti biex wieħed jipproċedu bir-rapport ta' evalwazzjoni. Għaldaqstant, ir-Reġjuni fadlilhom daqsxejn biex ikunu jistgħu jibdew jippjanaw mal-kuntrattur il-ġdid.

**11.3.8 Ġbir ta' organiku minn stabbilimenti tal-ikel minn żoni turistiċi**

Il-President semma li jidher li l-Ministeru tal-Ambjent għamel l-arranġamenti meħtieġa sabiex jagħddu lill-Assoċjazzjoni l-fondi meħtieġa sabiex dan il-proġett jiġi mġedded għall-erbatax-il ġimgħa bi tliet ġabriet flok tnejn fil-ġimgħa. Dan sabiex wieħed ikopri aktar ġranet u jħeġġeġ lil tal-ħwienet jisseparaw.
Is-Sur Jesmond Aquilina semma li wieħed irrid issa jibda joqgħod attent fuq dawn il-proġetti meta bdew diġa diskussjonijiet mill-kummerċjal li dawn iridu jibdew iħalsu aktar biex jinġabrilhom l-iskart.

**11.3.9 Laqgħa mal-Awtorita' ta' Transport**

Il-President semma li ser issir laqgħa fuq e-scooters lejn nofs Jannar. Semma li jista' jsir ukoll workshop għall-Kunsill Lokali.

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta
T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

**rigward e-scooters**

| | |
|---|---|
| **11.3.10 Private Security Act** | Il-President semma li bdew diskussjonijiet sabiex isiru emendi fi Private Security Act. |
| **11.3.11 President's Solidaruty Fun Run** | Il-President semma li din is-sena l-Fun Run kellha tiġi skedata għal 11 ta' Diċembru 2022 wara li fil-ġurnata li kienet pjanata kien il-maltemp. |

11.3.12 Is-Sur Anthony Chircop talab li jkun skużat fis 18:02

## 11.4 Preżentazzjoni u approvazzjoni Estimi Finanzjarji 2023

11.4.1 Il-President preżenta l-Estimi Finanzjarji għas-sena 2023 hekk kif mibgħut mis-Segretarju Eżekuttiv.

11.4.2 Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Sandro Azzopardi, l-Eżekuttiv approva r-rapport kif preżentat.

## 11.5 Komunikazzjoni mill-President

| | |
|---|---|
| **11.5.1 Kont bankarju fiss** | Il-President talab għall-approvazzjoni sabiex jerġa' jiġġedded għal sena oħra l-kont bankarju fiss. Semma li din is-sena r-rata mill-bank ser tkun ta' 2 %. Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Clifford Galea, l-Eżekuttiv approva li dan għandu jerġa jiġġedded għas-sena 2023. |
| **11.5.2 COP27** | Il-President semma li s-Sur Clifford Galea attenda għall-COP27 u kien ukoll ħejja rapport. Rapport anness mal-minuti u mmarkat Dok B. |
| **11.5.3 Knis fil-lokalitajiet** | Il-President semma li d-Diviżjoni kienet qed tiġbor sett ta' data mill-Kunsilli Lokali sabiex toħroġ statistika fuq l-ammont ta' kenniesa li bħal issa għandhom il-Kunsilli Lokali vis a vis l-allokazzjoni li huma jingħataw sabiex jiffinanzjaw dan is-servizz u l-ħtieġa li hemm fil-lokalita'. Semma li minkejja li kien bagħat xi korrispondenzi għadu ma jafx jekk din l-informazzjoni ġietx miġbura. |

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta
T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

Is-Sur Stephen Sultana propona li l-Assoċjazzjoni għandha tassisti lill-Kunsilli Lokali sabiex jirrisolvu din l-problema, ta' nuqqas ta' kenniesa billi jressqu talba konġunta lid-Divijoni.

**11.5.4 Kunsill Lokali San Lawrenz**

Il-President semma li l-AKL kienet ikkupjata b' korrispondenza li Kunsillier ta' San Lawrenz kien bagħat sabiex jiġbed l-attenzjoni li qed ikun hemm inġustizzji miegħu mill-istess kunsill fejn bħal pereżempju ma jħalluħx jikkoreġi l-minuti tal-laqgħa. Il-President semma li l-AKL kienet biss ikkupjata għaldaqstant ser ikun qed jistenna li jieħu azzjoni lil min kienet indirizzata din il-korrispondenza.

**11.5.5 Skema Latrini**

Il-President semma li min-naħa tiegħu kien għadda r-rsiervi li kellu lid-Diviżjoni sabiex ċertu affarjiet bħal pereżempju ownership ta' assi u anki żamma u manutenzjoni ta' min ser ikunu jekk hux tar-Reġjuni jew tal-Kunsilli wara li dan il-proġett ikun komplut.

**11.5.6 Pjattaforma ta' Marketing għall-Kunsilli Lokali**

Il-President semma li l-AKL irċeviet komunikazzjoni mingħand kumpanija tal-marketing li ssuġerit li toffri pjattaforma ta' marketing għall-Kunsilli Lokali, semma li l-AKL għadha ma daħħlitx fid-dettalji ta' dan il-proġett għaldaqstant ser tkun qed tiskeda laqgħa ma' din il-kumpanija is-sena d-dieħla.

**11.5.7 Assoċjazzjoni mir-Rumanija**

Il-President semma li l-Assoċjazzjoni kienet irċeviet rikjesta mill-Assoċjazzjoni Rumena sabiex jibdew taħdidiet bl-iskop li jkun hemm ħidma bilaterali bejn iż-żewġ Assoċjazzjonijiet.

**11.5.8 ECAD**

Il-President semma li l-MTA kienet ikkommettit li ser tati finanzjament ta' €5,000 lill-Assoċjazzjoni bħala assistenza finanzjarja sabiex tkun tista' tittella' l-konferenza tal-ECAD ġewwa Malta.

**11.5.9 Pjazza Teatru Rjal**

Il-President semma li l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali kellha laqgħa ma' Pjazza Teatru Rjal li għalija wkoll kien preżenti s-Sur Jesmond Aquilina. Semma li jixtiequ li tibda kollaborazzjoni mal-Kunsilli Lokali sabiex it-teatru anki l-orkestra Nazzjoanli jinżlu fil-pjazzez tal-lokalitajiet sabiex ikunu jistgħu jitellgħu serati għall-pubbliku fil-lokal. L-iskop huwa li jresqu t-teatru dejjem aktar lejn ir-residenti.

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

**11.5.10 Kontroll tal-ħamiem**

Il-President preżenta l-aħħar rapport li bagħat il-kuntrattur li qed jieħu ħsieb l-għalf tal-ħamiem selvaġġ fil-lokalitajiet. Il-President fakkar li l-proġett kompla peress li kienu ġew allokatti aktar fondi mid-Diviżjoni għal dan il-proġett.

**11.5.11 Ħaddiema CIES**

Il-President semma li wara li kien hemm konferma mid-Diviżjoni li l-AKL kienet ser tirċievi l-fondi sabiex tħallas is-salarji taż-żewġ ħaddiema ta' CIES li huma assenjati mal-AKL, il-ħaddiema ingħtaw addendum tal-kuntratt fejn dan ittawwal bi tnax-il xahar. Semma li dan kie ġie ffirmat.

**11.5.12 Mandat ta' inibizzjoni ex-Segretarju Eżekuttiv Reġjun Port**

Il-President semma li l-każ ġie diferit għall-1 ta' Diċembru 2022.

**11.5.13 Taħriġ – Interviewing Skills**

Il-President semma li kienu bdew diskussjonijiet sabiex isir kors għall-Membri Eletti u anki Segretarji Eżekuttivi fuq interviewing skills. Semma wkoll li l-AKL qed taħdem fuq kors tal-kitba Maltija għall-ħaddiema tal-Kunsilli Lokali.

**11.5.14 Konferenza FHRD**

Il-President semma l flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kien attenda konferenza tal-FHRD li titratta l-isfidi u l-bżonnijiet fil-qasam tar-riżorsi umani.

**11.5.15 Hospice**

Il-President semma li kienet intbgħatet ċirkulari lill-Kunsilli Lokali sabiex minn għandu l-faċilita' li jasisti lil Hospice billi jipprovdi servizz lir-residenti biex imorru d-Day Care tal-Hospice.

**11.5.16 NGO – Nepal**

Il-President semma li NGO minn Nepal kienet ikkomunikat mal-Assoċjazzjoni fejn huma urew ix-xewqa li jiġu Malta anki biex wieħed jibda kollaborazzjoni aktar dejjiema bejn l-AKL u huma. Fuq proposta tal-Presidnet ssekondata mis-Sur Zammit kien hemm qbil li l-AKL għandha tassisti fit-tfassil tal-program tagħhom.

**11.5.17 Application of ineffectiveness - Enemalta**

Il-President semma li l-AKL kienet irċiviet notifika mill-PCRB fejn kien hemm tliet kuntratturi li fetħu application for ineffectiveness. Semma li l-AKl ser tkun qed tagħddi d-dokumenti lill-avukat sabiex ikun jista' jwieġeb kif ukoll ser tinforma lir-Reġjuni sabiex jimlew dikjarazzjoni ta' interess

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta
T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

jekk kemm-il darba l-AKL ser tirrispondi f' isimhom ukoll.

**11.5.18 LIFE project**

Il-President semma li flimkien mal-Ministeru tal-Ambjent, l-AKL kienet qed taħdem fuq proġett sabiex l-AKL tibbenifika minn fondi Ewropej sabiex ikun jista' jibda jagħti bidu tal-implimentazzjoni tal-proġett Slow Streets.

**11.5.19 Membri fil-Kungress Ewropew u l-Kumitat tar-Reġjuni**

Il-President semma li bħala President tal-AKL kien irċieva komunikazzjoni mis-Sur Natalino Attard sabiex ikun hemm l-approvazzjoni tal-Assoċjazzjoni sabiex is-Sur Charles Bonello u s-Sa. Helen Gauci ikunu membru u sostitut rispettivament fil-Kungress Ewropew. Il-President semma li huwa ma jsib l-ebda oġġezzjoni u għaldaqstant talab lill-Eżekuttiv sabiex japprovaw jew mod ieħor. Fuq propostatal-President issekondata mis-Sur Jesmond Aquilina, l-Eżekuttiv ma sabet l-ebda oġġezzjoni b' dawn in-nomini mresqa.

Il-President semma wkoll li kien ukoll ikkupjat f' korrispondenza bħala Kap ta' Delegazzjoni Maltija ġewwa l-Kumitat tar-Reġjuni, sabiex jimtela' l-post vakant tas-Sur Anthony Mifsud ġewwa l-Kumitat tar-Reġjuni. Semma li l-Assoċjazzjoni qatt ma daħlet fil-kwistjoni ta' min ikunu dawn il-Membri nominate mill-Partiti Politiċi.

Dr. Samuel Azzopardi, semma li għall-korrettezza l-AKL tiġi kkonsultata, ma jfissirx li għandha tiddeċiedi. Semma li bħala Viċi President Internazzjonali jħoss li kien nuqqas li l-post vakant tas-Sur Mifus ijlu fuq sena biex jimtela. Semma wkoll li hemm stanzi speċifiċi fejn jispiċċa mandat ta' membru qabel it-terminu bħal fil-każ ta' mewt u riżenja mill-kariga politika. Għaldaqstant fl-ebda każ ma jisemma l-affiljazzjoni mal-partit politiku. Semma li fil-każ li qed jiġu mresqa żewġ nomini u l-post vakant huwa wieħed, is-siġġu ser jerġa' jibqa' vakant. Semma kif kien żmien ta' negozjati twal biex Malta ħadet sitt siġġijiet minflok erba' u issa qed inħalluhom vakanti.

Is-Sur Charles Bonello jsemmi li dawn s-siġġijiet jirriflettu l-Partiti Politiċi.

Il-President semma li bħala AKL ma kinitx ser tidħol f' din il-kwistjoni imma meta l-President ġie mitlub mil-Ministru għall-parir, huwa semma li hemm biss post vakant ta' Membru u post ieħor għall-sostitut.

Dr. Samuel Azzopardi semma li l-Kumitat tar-Reġjuni imkien ma hemm imsemmi l-affiljazzjoni tal-Partiti u meta xi ħadd huwa Indipendenti dan ma jitneħħiex. Semma li x'

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

jiġri fi tmiem il-mandat hija diskutibbli. Dan anki meta Membri Indipendenti jiġu mejgħuna mill-Kumitat tar-Reġjuni anki mill-att amministrattiv.
Il-President semma li din issa għandha tkun għad-deċiżjoni tal-Ministru.

**11.5.20 Konferenza CRPD**

Il-President semma li kien mistieden għall-konferenza ta' CRPD nhar il-5 ta' Diċembru.

**11.5.21 Proġett ta' bibien**

Il-President semma li lura fis-sena 2019, l-AKL bdiet taħdem ma' Doors Malta u li kienet ħadet sensiela ta' ritratti fir-Reġjuni. Semma li l-Assoċjazzjoni ser tkun qed tagħmel sett ta' kalendarji għal kull Reġjun. Semma li dawn ser jiġu mnedija waqt il-Laqgħa Plenarja.

**11.5.22 Kors fuq procurment**

Il-President semma li l-ħaddiema tal-AKL kienet temmet b' suċċess il-kors offrut mill-IPS fuq procurement.

**11.5.23 Tal-Linja Card**

Il-President fakkar li kienet intbgħatet ittra konġunat flimkien mal JRS lill-Malta Public Transport sabiex ikun hemm assistenza lill-imigranti sabiex jagħmlu tal-Linja Card meta ħafna minnhom m' għandhomx VISA. Semma li sa issa l-AKL għadha ma rċiviet l-ebda rispons.

**11.5.24 Tribunal Industrijali**

Il-President semma li s-seduta ta' Tribunal Industrijali tal-ex Segretarju Eżekuttiv tal-AKL ġiet diferita għal Jannar 2023.

**11.5.25 Montekristo Estates**

Il-President semma li wara l-problema li ħolqu Montekristo lill-AKL meta kien hemm venue ibbukjat għall-Laqgħa tas-Sindki u daħħlu event ieħor ta' filmin, il-President kellu telefonata mill-Kap Eżekuttiv ta' Montekristo fejn dan offra li l-AKL tagħmel attivita' u tingħata sala u catering bla ħlas bħala kumpens għal dak li ġara.

**11.5.26 Kumitat Attivitajiet ta' 30 Sena Kunsilli Lokali**

Il-President semma li kien intalab mis-Segretarjat li jkun fuq Kumitat li qed jipprepara l-attivitajiet ta' 30 sena ta' Kunsilli Lokali. Semma li ltaqgħu darba u ser jerġa' jkun hemm laqgħa oħra fl-aħħar tas-sena.

**11.5.27 MIEMA**

Il-President semma li l-AKL qed taħdem viċin mal-MIEMA fuq żewġ proġetti mill-Fondi Ewropej.

**11.5.28 Kunsill Reġjonali ta' Tfal**

Il-President semma li flimkien mal-Malta Foundation for Wellbeing kif ukoll id-Diviżjoni għall-Gvern Lokali kienu

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

ipparteċipaw fi proġett sabiex jibbenifikaw minn fondi Ewropej sabiex dan il-proġett ta' Kunsill Reġjonal għat-tfal ikun jista' jiġi implimentat.

**11.5.29 Speak to Move**

Il-President semma li kien hemm kuntatt ma' din l-organizazzjoni li tati taħriġ fuq leadership u anki komunikazzjoni. Il-President semma li ser ikun qed jagħmel laqgħa aktar fid-dettal sabiex wieħed jesplora l-possibbilita' ta' taħriġ għall-Kunsilliera u ħaddiema.

**11.5.30 Ikla tal-Milied**

Il-President propona li nhar 22 ta' Diċembru ikun hemm l-ikla tal-Milied tal-Eżekuttiv u ħaddiema AKL.

**11.5.31 Festin ta' tfal**

Il-President fakkar li nhar 13 ta' Diċembru l-AKL kienet ser torganizza l-festin ta' tfal tal-Milied.

**11.5.32 Festin tal-Milied Kunsilliera – Kunsilli Lokali f' Għawdex**

Il-President fakkar li nhar 12 ta' Diċembru kien ser ikun hemm festin żgħir għall-Kunsilli Lokali f' Għawdex.

**11.5.33 Gala Dinner**

Il-President fakkar li nhar 17 ta' Diċembru l-AKL kienet ser torganizza Gala Dinner b' risċ MCCF.

**11.5.34 Skeda 16 – Procurement**

Il-President semma li huwa min-naħa tiegħu baqa' jibgħat lid-Diviżjoni sabiex ir-Reġjuni flimkien mal-AKL jerġgħu jidħlu taħt skeda 16 tal-Procurment Regulations.

**11.6 Aġġornament**

11.6.1 Il-Laqgħa aġġornat fit-tmienja u nofs ta' filgħaxija. L-Eżekuttiv qabel li għandu jerġa' jiltaqa' il-Ħamis, 22 ta' Diċembru 2022 fis-sitta ta' filgħaxija fil-Binja tal-AKL, ġewwa l-Marsa.

**Lianne Cassar**
**Segretarju Eżekuttiv**

**A:** Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

**T:** 00356 2596 8000
**E:** lca@lca.org.mt
**www.lca.org.mt**

Dawn il-minuti ġew approvati fil-Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu.12 li nżammet nhar il-Ħamis, 22 ta' Diċembru 2022 fis-18:00 ta' filgħaxija.

**Mario Fava**
**President**

DOK. A.

**Roberta Carabott**

| | |
|---|---|
| **From:** | Galea Naomi 2 at Western Regional Council <naomi.galea.2@gov.mt> |
| **Sent:** | 24 November 2022 09:32 |
| **To:** | Mario Fava |
| **Cc:** | Sghendo Elke 1 at Western Regional Council; Regjun Punent at Western Regional Council; Azzopardi Sandro at Western Regional Council; Lianne Cassar |
| **Subject:** | Rotta dei Fenici Report |
| **Attachments:** | Rotta dei Fenici Report.pdf |
| **Importance:** | High |

Dear President Fava,

Hope this email finds you well.

As we had spoken attached you will find the report for the conference attended the *2022 International General Assembly of the Phoenicians' Route*, in Poreč, October 20-21.

Kindly confirm receipt of this email.

If you require any more information from my end do not hesitate in contacting me.

Kind regards,


Naomi Galea
*Cultural Manager*

**Western Regional Council**
T | +356 222 666 03
E | naomi.galea.2@gov.mt
A | Local Government Building, Triq il-Gvern Lokali, Marsa

L-Imdina | Ħaż-Żebbuġ | Is-Siġġiewi | Ħad-Dingli | Ħal Kirkop | L-Imqabba | Il-Qrendi | Ir-Rabat | Ħal Safi | Iż-Żurrieq

Kunsill Reġjun Punent

regjun-punent.dlg@gov.mt 22266602

# Rotta dei Fenici

**Costs**

- AKL/REGION
- ERASMUS+
- HORIZON

The Maltese Islands are rich with historic heritage and cultural sites from all sides of the island. The conference attended the *2022 International General Assembly of the Phoenicians' Route*, in Poreč, October 20-21. This aided in familiarizing with the Route, its' partners and their best practices.

**There are two binaries to be focused on:**

## 20 Year Birthday

Next year will mark 20 years since the route's conception and what better place to celebrate than in Malta. For this reason, we are looking at potential ideas to promote the tangible and intangible heritage of the spaces in question which encompass the 6 Regions of Malta. Through Regional cooperation and collaboration this will offer the opportunity to highlight and showcase our strong Phoenician historical connection, offers a networking opportunity with other countries and stakeholders within the Cultural Sector AND offers us the opportunity to create and solidify good practices that promote our culture. Overall, enriching our Regions with new possibilities and connections and by extension the Maltese Islands, for these reasons a plan of action has been created.

## Plan of Action

1. **Invite the Route for 3-4 days. (May-June)**
   - Meet Up & Network
   - Programme to visit all sites, exchange of good practices etc.
   - Promote, Create and Solidify the Routes roots within Malta

2. **Highlighting and Enhancing our Phoenician historical culture this coming year;**

- Creating a Software Application – Mapping out the Phoenician Areas – Creating a route and more with accessibility of information and sites – QR Codes can be created
  - This can lead to an end-of-year book
- Creating Events through possible use of cross-entity collaboration –
  - One ex. Is Heritage Malta in possibly lending artifact to a secure and tailored area to showcase Phoenician finds within different localities throughout the 6 regions - "Pop-Up Exhibitions"
- Informational Campaigns

The Western Region may possibly like to extend aid in the programming and hosting of the visit and be a part of these 2023 projects.

**President:** Sandro Azzopardi **Viċi President:** David Schembri (Qrendi)
**Sindki Membri:** Peter J. Dei Conti Sant Manduca (Mdina), Mark Camilleri (Ħaż- Żebbuġ), Dominic Grech (Siġġiewi), Raymond Schembri (Ħad-Dingli), Terence Agius (Ħal Kirkop), Grace Marie Zerafa (Mqabba), Alexander Craus (Rabat), Johan Mula (Ħal Safi), Rita Grima (Żurrieq).

**Deputat Segretarju Eżekuttiv:** Elke Sghendo

Kunsill Reġjun Punent

regjun-punent.dlg@gov.mt 22266602

## Foundation of the Route

Currently the procedures are different depending on the country/municipality, partners, system. They are currently in discussions as to how this will be made more efficient and sustainable by having a simplified and centralized procedure. This will help in certification of the route.

Issues noted for other further certification as not all areas have found tangible connections with the Phoenician Route. For this reason, they are currently looking at different ways to connect the Phoenician travel within the Med and outer.

If you require any further information do not hesitate in contacting me.

Kind regards,

Naomi Galea

Cultural Manager for the Western Region

**President: Sandro Azzopardi** **Viċi President:** David Schembri (Qrendi)
**Sindki Membri:** Peter J. Dei Conti Sant Manduca (Mdina), Mark Camilleri (Ħaż- Żebbuġ), Dominic Grech (Siġġiewi), Raymond Schembri (Ħad-Dingli), Terence Agius (Ħal Kirkop), Grace Marie Zerafa (Mqabba), Alexander Craus (Rabat), Johan Mula (Ħal Safi), Rita Grima (Żurrieq).

**Deputat Segretarju Eżekuttiv:** Elke Sghendo